**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 208/2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jessica Bezzina)**

**-Vs-**

**NAGIA SEYCHELL**

**Illum, 23 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **NAGIA SEYCHELL**, ta' 38 sena, mwielda l-Pieta', nhar it-3 ta' Ġunju 1982, bint Mustafa Tarhuni u Josephine xebba Carabott, residenti 327, Fl 2, Triq l-Imdina, Qormi, u detentriċi tal-karta ta' l-identita' 0301282M, li tressqet quddiemha akkużata talli għall-ħabta tal-20.45hrs u/jew fil-ħin ta' qabel fil-5 ta' Diċembru 2020 fil-Gżira:

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joey Camilleri.

2. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Il-Qorti hija mitluba li f'kas ta' ħtija jiġu applikati l-provedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Joey Camilleri billi jiġu applikati l-provedimenti ta' l-artikolu 412C tal-kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputata waqt l-interrogatorju, wieġbet li mhux ħatja tal-akkużi miġjuba kontriha;

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat il-provi u d-dokument kollha esebiti;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-15 ta' Diċembru 2021, li permezz taghha bagħat lill-imputata sabiex tiġi aġġudikat minn din il-Qorti skont is-segwenti artikoli tal-liġi[1]:-

1. Fl-artikoli 214, 216(b) u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Fol. 106.

Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2022 l-imputata fil-preżenza tad-difensur tagħha, iddikjarat li m'ghandhiex oġġezzjoni li l-kaz tagħha jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza, waqt l-udjenza tad-9 ta' Marzu 2022;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawza, jirriżulta li fil-5 ta' Diċembru 2020 Joey Camilleri kien qed jiekol mal-imputata u ma' żewġt iħbieb tagħha ġewwa restaurant. L-imputata qalet li sejra titlaq biex tmur id-dar, marret id-dar u minn hemmhekk, hija rikbet fil-vettura ta' ħuha Abdul Karim Haruni flimkien ma' Elaine Hun. F'ħin minnhom irriżulta li Joey Camilleri kien qed isegwihom bil-vettura tiegħu u kien qed iross magħhom u meta waslu fl-inħawi tal-Kappara kellhom iwaqqfu l-vettura fil-ġenb tat-triq. Hemmhekk inqala' argoment bejn Abdul Karim Haruni u Joey Camilleri u ġew fl-idejn filwaqt li l-istess Joey Camilleri ġie fl-idejn ukoll mal-imputata li sadanittant kienet ħarġet mill-vettura. Minn hemmhekk huma baqgħu sejrin l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar fejn sar ir-rapport dwar l-incident. Waqt din il-kollutazzjoni Joey Camilleri ġarrab ferita fuq l-għajn tal-lemin, li kellha bżonn tingħalaq bil-punti, kif ukoll ħmura fuq is-subgħa tax-xellug. Mix-xhieda jirriżulta wkoll li l-imputata kienet fi stat aġitat meta marret tirrapporta l-inċident fl-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar u kellha xi ġrieħi, speċifikatament qasma fix-xoffa[2]. Mhux kontestat illi l-imputata u Joey Camilleri huma ħbieb u għadhom ħbieb sal-lum.

---

[2] Xhieda ta' WPC2383 Deborah Mifsud, xhieda tal-24 ta' Ġunju 2021 u xhieda ta' PS 894 Alfred Cassar tat-2 ta' Settembru 2021, fol. 77.

**Xhieda**

Joey Camilleri xehed[3] illi dakinhar tal-inċident huwa kien qed jiekol mal-imputata u żewġt iħbieb tagħha u għall-ħabta tas-6.00 p.m. hi riedet titlaq mgħaġġla biex tmur id-dar. Dak il-ħin huwa ħaseb ħażin u ddeċieda joqgħodilha għassa biex jara fejn hi sejra. Huwa ra li Nagia kienet telqet mid-dar u rikbet fil-karozza ta' ħuha u beda jsegwihom bil-vettura tiegħu u meta waslu viċin ir-roundabout tal-Kappara waqfu u hu waqaf warajhom, niżlu minn ġol-vetturi u ġew fl-idejn. Xehed li lil Nagia staqsiha dak il-ħin għaliex kienet qed tigdiblu u weġbitu li ma kienetx obbligata tgħidlu kollox. Dak il-ħin hu ġibdilha xagħarha, qal ukoll peress li fih persuna, "*naħseb għafastha xi naqra ż-żejjed u tatni daqqa ta' ponn ... f'għajnejja*" u spiċċa b'qasma taħt is-suf ta' għajnejh minħabba li l-imputata laqtitu biċ-ċurkett li kellha f'idejha. Fuq mistoqsija tal-Qorti, ix-xhud qal ukoll li kien hu li ġibdilha xagħarha l-ewwel u mbagħad hi tatu d-daqqa ta' ponn.

Joey Camilleri xehed ukoll li llum il-ġurnata din il-ferita fieqet.

Dan ġie konfermat mill-espert mediko-legali maħtur mill-Qorti li xehed - u fir-relazzjoni tiegħu ikkonkluda - illi meta eżamina lil Joey Camilleri fid-9 ta' Settembru 2021, ma kienx hemm evidenza ta' ċikkatriċi madwar l-għajn il-leminija għalkemm kienu sarulu xi suturi fuq il-kappell tal-għajn u konsegwentement il-ferita ma hijiex ta' natura gravi.

Joey Camilleri xehed ukoll[4] sussegwentement, li huwa qatt ma ried li jmexxi b'din l-azzjoni kontra l-imputata għaliex hu ħafrilha mill-ewwel tant li għadhom ħbieb sal-lum.

---

[3] Xhieda tat-18 ta' Mejju 2021.
[4] Xhieda tad-9 ta' Marzu 2022.

Il-verżjoni tal-vittma hija fis-sostanza tagħha konsistenti max-xhieda tal-persuni l-oħra li kienu preżenti jew involuti f'dan l-inċidenti kif ukoll ix-xhieda tal-imputata nnifisha.

Mix-xhieda ta' Elaine Claire Hun u Karem Abdul Tarhuni[5] jirriżulta li huma kienu għaddew għall-imputata, li tiġi oħt Karem, mid-dar tagħha Ħal Qormi u meta kienu fit-triq, irrejalizzaw li kien hemm xi ħadd qed isegwihom u jsuq viċin ħafna tal-vettura tagħhom fuq wara. L-imputata għarfet din il-vettura bħala l-vettura ta' Joey Camilleri: kien qed ipprova jaqbiżhom u beda jross magħhom u Karem beża' li kien ser jaqlibhom bil-karrozza għaliex kien qed isuq sewqan b'saħtu u aggressiv. F'ħin minnhom, Joey waqqaf il-karozza tiegħu quddiemhom biex ma jibqgħux sejrin u ħareġ mill-vettura tiegħu. Kien jidher irrabjat u aggressiv u Karem xehed li meta ħareġ biex ikellmu, Joey qabdu minn għonqu u tah daqqa ta' ponn mal-karozza tagħhom stess. Karem xehed li dak il-ħin, huwa xamm riħa qawwija ta' xorb u qal li kien jidher li Joey Camilleri kien xurban u kif oħtu l-imputata ħarġet mill-karozza u marret ħdejh, qabad lilha wkoll.

Elaine Claire Hun xehdet li kif l-imputata ħarġet mill-karozza "*lil Nagia qabadha minn xagħarha, għax hu raġel kbir u jdejh it-tnejn, jiġifieri weħda ma' ghonq Karem u l-id l-oħra ma' xagħarha. Jiġifieri qalagħlha xagħarha, l-extensions mal-art.*"[6] Xehdet ukoll li rat li l-imputata bdiet tipprova tagħti lil Joey Camilleri bil-ponn biex tinqala' minn miegħu filwaqt li min-naħa tagħha, hi bdiet tipprova twaqqaf nies li kienu għaddejjin fit-triq.

Mid-depożizzjoni ta' dawn iż-żewġ xhieda, jirriżulta wkoll li kienu waqfu xi tliet muturi u wieħed minnhom imblokka l-karozza ta' Joey minn quddiem filwaqt li xi persuni intervjenew biex jifirdu lil Joey minn mal-imputata u ħuha. Meta huma rnexxielhom jidħlu fil-vettura u jitilqu minn fuq il-post, Joey Camilleri reġa' beda jsuq warajhom u beda jilħaqhom u jippressahom u dak il-ħin Elaine Claire Hun ċemplet

---

[5] Xhieda tad-29 ta' Lulju 2021.
[6] Xhieda ta' Elaine Claire Hun, 29 ta' Lulju 2021.

lill-Pulizija u qalulha biex jibqgħu sejrin l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar. Ix-xhud ikkonfermat li meta l-imputata reġgħet daħlet fil-karozza, hija rat li "*... kellha d-demm f'ħalqha u daqqiet f'wiċċha, kellha xagħarha kollu maqlugħ, qattagħlha xagħarha jiġifieri, anke xagħar mal-art kien hemm...*"[7]

L-imputata għażlet li tixhed quddiem il-Qorti[8] u xehdet li Joey Camilleri ħabib ħafna tal-familja tagħha, hu raġel sew u għenha ħafna bit-tifel tagħha, iżda hi tqisu biss bħala ħabib. Fil-ġurnata tal-inċident hija kienet qed tiekol mieħgu u ma' xi persuni oħrajn u riedet titlaq għaliex kienet miftiehma ma' ħuha li toħroġ miegħu. Lil Joey ma qaltlu xejn għaliex ma kellhiex irbit miegħu u meta għadda għaliha ħuha bil-karozza d-dar tagħha, innotat li Joey kien qed isegwihom bil-karozza tiegħu u kien ser jaqlibhom kemm il-darba tant illi għalkemm ma riditx li jiefqu għaliex kienet taf li Joey kien fis-sakra, kellhom jiefqu bil-fors. Stqarret illi kif niżel mill-karozza, Joey fetaħ il-bieba tal-karozza tagħhom u qabad lil ħuha minn għonqu; hi ppanikjat u niżlet tferraqhom iżda Joey beda jagħti lilha, niżżilha 'l isfel, qabadha u ġibidha minn xagħarha u beda jqatta' ħafna xagħar barra. Hi bdiet tipprova tipprova toħroġ minn taħt idejh iżda bdiet tweġġa' ħafna u qabbditha rogħda u ma tiftakarx xi bdiet tagħmel biex tipprova teħles minnu u lanqas tiftakar f'liema waqt effettivament spiċċat tatu daqqa f'għajnu. Tenniet li hi marret tferraq lil Joey minn ma' ħuha iżda beda jżommhom it-tnejn f'daqqa għax "*Joey big boy*" u spiċċat mal-art b'Joey ikaxkarha minn xagħarha, b'rasha kollha gundalli u wiċċha bid-daqqiet.

Kompliet tgħid li meta rnexxilhom jitilqu ċemplu lill Ghassa iżda Joey baqa' jsuq warajhom. Peress li kienet taf li Joey kien taħt l-effett tal-alkoħol u peress li ħabib tagħhom u kien għenha ħafna, hi ma riditx tagħmel rapport fil-konfront tiegħu dwa rdan l-inċident u dwar il-ġrieħi li sofriet.

Ikkunsidrat;

[7] Fol. 60.
[8] Xhieda tal-31 ta' Jannar 2022.

Illi mix-xhieda ta' Elaine Claire Hun u tal-vittma nnifsu, Joey Camilleri, jirriżulta li matul il-kolluttazzjoni li fiha kienu involuti Joey Camilleri, Karem Abdul Tarhuni u l-imputata, l-imputata spiċċat tat daqqa ta' ponn lil Joey Camilleri waqt li huwa kien qed jiġbdilha xagħarha u hi kienet qed tipprova tinqala' minn miegħu. Jirriżulta wkoll mill-provi li b'konsegwenza ta' din id-daqqa ta' ponn, Joey Camilleri ġarrab ferita fuq l-għajn tal-lemin liema ferita kellha tingħalaq bis-suturi. Din l-offiża madanakollu, fieqet u ma baqgħetx tidher tant illi l-espert mediko-legali maħtur mill-Qorti stabbilixxa li l-offiża hija ta' natura ħafifa.

Id-difiża tal-imputata hija fondata fuq żewġ binarji prinċipali. In primis, id-difiża targumenta li l-provi juru li l-offiża li sofra l-parti leża hija waħda ta' natura ħafifa a tenur tal-Artikolu 221 tal-Kap. 9. Targumenta li peress li skont l-Artikolu 221(4) l-azzjoni tista' titmexxa biss bil-kwerela tal-parti leża u f'dan il-każ il-parti leż xehed espressament li huwa jaħfer lill-imputata u ma riedx imexxi b'din l-azzjoni fil-konfront tagħha, l-azzjoni kellha tispiċċa. Id-difiża eċċepiet ukoll l-iskriminanti tal-legittima difiża u fir-rigward, tissottometti li l-imputata tat daqqa ta' ponn lill-parti leża, Joey Camilleri, għaliex kien hemm il-bżonn attwali li tiddefendi lilha nnifisha mill-aggressjoni manifestata mill-istess parti leża li kien qed jiġbidha minn xagħarha dak il-ħin.

Il-Qorti tqis li qabel xejn għandha tistħarreġ l-eċċezzjoni tal-leġittima difesa għaliex jekk jirriżulta li effettivament l-imputata aġixxiet għad-difiża tagħha jew ħaddieħor u l-elementi kollha tal-iskriminanti huma ppruvati, ma jkun ġie kommess l-ebda reat kriminali kwalsiasi.

Din id-difiża, li jeħtieg li tirriżulta ghall-inqas fil-grad tal-probabbli fuq il-preponderanza tal-provi, hija maħsuba fl-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali :-

***223.*** *Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.*

Illi r-*ratio legis* wara l-istitut tal-legittima difiża huwa d-dritt għal awto-tutela tal-persuna jew ta' xi ħaddieħor, b'tali mod illi l-aġir li altrimenti jkun wiehed kriminuż, isir ġustifikat. Dan iseħħ meta persuna tkun sabet ruħha wiċċ imb'wiċċ ma' aggressjoni li hija inġusta tant illi ma tkunx tista' tirrikorri għal mezzi oħrajn biex taħrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iħarisha mill-periklu. Tispiċċa għalhekk il-persuna kostretta tuża mezzi hija stess biex tħares lilha innifisha minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli.

Illi it-tlett elementi ta' dritt li huma dottrinalment meħtieġa sabiex tiġi applikata l-iskriminanti għad-delitt tal-omiċidju jew tal-offiża fuq il-persuna, kif spjegati ben tajjeb fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti**[9], huma illi l-minaċċja jew l-aggressjoni affaċċjata trid tkun wahda gravi, inġusta u inevitabbli u wkoll illi r-reazzjoni trid tkun waħda proporzjonata għal din il-minaċċja jew l-aggressjoni kif hekk ikkwalifikata:-

"*Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.* "

[9] Qorti tal-Appell [Superjuri] 3 ta' Ottubru 2018.

Minn dan jikkonsegwi illi sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat, l-att ta' agressjoni li jilqa' għalih irid jkun ta' ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża' raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta` personali ta' dak li jkun jew ta' ħaddieħor. Dan għandu jkun determinat minn min hu imsejjaħ biex jiġġudika billi jiġi applikat it-test soġġettiv: li jfisser illi l-ġudikant irid jidħol fiż-żarbun tal-ġudikabbli skont il-każ sabiex jgħarbel il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu.

Il-Qorti sejra tagħmel referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Zachary Vella**[10] fejn gie ċitat il-Prof. Sir Anthony Mamo dwar l-element tal-gravita` u inevitabbilita` tal-perikolu:-

*"Illi skont il-mibki Professur Sir Anthony Mamo sabiex din id-difiża tkun tista' tiġi ravviżata huwa essenzjali li l-periklu attwali jkun wieħed kontra l-liġi (unjust), gravi u inevitabbli, u dan apparti l-proporzjonalita' rikjesta tar-ritaljazzjoni mill-attakk fuq il-persuna li tkun qed tiddefendi ruħha. Għal dak li jirrigwarda l-gravita', Mamo jikkjarifika li din tissusisti meta:*

'*the act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed, would have inflicted upon the person 'irreparable' evil; and the law considers as 'irreparable' and consequently grave, the evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual'.*

*Kwindi huwa evidenti li sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat għal dak li jirrigwarda dan l-element, din trid tkun ta' ċertu portata u ta' daqstant periklu. In oltre l-azzjoni kontra min qed jiddefendi lilu nnifsu trid tkun tammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew sigurta' personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor.*

[10] Deciza 3 ta' Mejju 2019.

*Illi fir-rigward tal-inevitabbilta' Mamo jispjega dan l-element b'mod ċar billi jgħid illi l-akkużat irid jipprova illi '***the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided' u li kwindi tissusisti jekk il-periklu in kwistjoni jkun immedjat (sudden), attwali u assolut***. *Għal dak li jirrigwarda l-attwalita', Mamo jgħid illi 'if it (il-periklu) had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence', filwaqt li rigward l-assolut jgħid illi l-periklu jrid ikun tali illi fil-mument tagħha 'it could not be averted by other means'"*. [emfasi ta' din il-Qorti]

Dan ifisser illi jekk allura l-aggredit ikollu l-għażla fil-mument tal-aggressjoni u ċioe' jekk ikun possibbli għalih li jevita dak il-perikolu jew ikun jista' jfittex l-għajnuna mill-awtoritajiet u jonqos milli jagħmel dan, iżda jaffaċċja l-periklu huwa stess, allura jigi nieqes il-kunċett tal-awto-difeża.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti jeħtigilha tgħarbel il-provi biex tistabbilixxi jekk humiex riskontrabbli fil-każ in diżamina l-elementi kollha meħtieġa għas-suċċess tad-difiża leġittima mqajma mill-imputata f'din il-kawża, biex f'każ affermattiv, din topera biex teħles lill-imputata minn ħtija kriminali għad-delitt li altrimenti jirriżulta ppruvat.

Il-Qorti tosserva illi l-verzjoni tal-imputata u l-verżjoni taż-żewġ xhieda okulari, jikkombaċċjaw perfettament kwantu l-elementi kollha saljenti tal-episodju in dizamina, senjatament l-aggressjoni manifestata Joey Camilleri fis-sewqan tiegħu – fejn jirriżulta li hu kien qed isuq b'mod perikoluż waqt li kien qed isegwi l-vettura li kienet riekba fiha l-imputata u l-persuni l-oħra tant illi ġiegħelhom iwaqqfu l-vettura mal-ġenb tat-triq - u kif ukoll fil-mod li hu laqa' lil ħu l-imputata u lill-imputata nnifisha meta ħarġu mill-vettura. Jirriżulta li dak il-ħin Joey Camilleri kien jidher irrabjat u aġixxa b'mod aggressiv fil-konfront ta' Abdul Karem Tarhuni billi tah daqqa ta' ponn u qabdu minn għonqu. Imbagħad, meta l-imputata ħarġet mill-vettura biex tipprova tferraqhom, l-istess Joey Camilleri kkonfrontaha b'rabja dwar il-fatt li

minflok marret id-dar, reġgħet ħarġet mingħajr ma qaltlu. Mix-xhieda ta' Elaine Claire Hun u Abdul Karim Tarhuni, affermata mill-parti leża nnifsu fix-xhieda tiegħu, huwa wkoll stabbilit li Joey Camilleri qabad lill-imputata minn xagħarha u hemmhekk hi bdiet tissielet miegħu u tagħtih bil-ponn biex tinqala' minn miegħu.

**Fil-kwadru ta' dan kollu, il-Qorti fehmet illi d-daqqa ta' ponn li l-imputata tat lil Joey Camilleri** - kif del resto jirriżulta mix-xhieda ta' Elaine Claire Hun u tal-parti leża nnifsu - **tathielu fil-waqt stess li huwa kien qed jiġbidha minn xagħarha bis-saħħa, tant illi huwa stqarr fix-xhieda tiegħu li l-ewwel beda jiġbidha minn xagħarha u mbagħad hi tatu daqqa ta' ponn u kkonferma wkoll li r-rejazzjoni tal-imputata setgħet kienet dovuta għall-fatt li hu kien qed jagħfasha żżejjed**. Dan hu kkonfermat mill-imputata nnifisha illi xehdet li Joey Camilleri beda jqattagħlha ħafna xagħar barra u bdiet tweġġa' ħafna ("*xagħri ma flaħthiex*") tant li qabbditha rogħda u ma tiftakarx x'għamlet biex tipprova tipprova toħroġ minn taħt idejh.

Ikkunsidrat;

Applikat dan kollu għall-elementi tal-leġittima difesa, il-Qorti hija wkoll sodisfatta li dawn ilkoll jinsabu kumulattivament u ampjament ippruvati: hu evidenti mill-ġabra tax-xhieda tal-persuni kollha li xehdu quddiem il-Qorti inkluż il-parti leza nnifsu, li l-aggressjoni manifestata minn Joey Camilleri kontra l-imputata kienet waħda **inġusta**. Mhux kontestat effettivament illi Joey Camilleri ħebb għall-imputata hekk kif ħarġet mill-vettura u marret tgħin lil ħuha u beda jiġbidha minn xagħarha.

In propositu tal-karatteristiċi tal-perikolu li jeħtieġ li jiġi riskontrat għas-suċċess ta' din id-difiża, fis-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa**, il-Qorti riteniet illi:-

*"... l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita' tal-perikolu jew minaċċja għandha tiġi affrontata hu li wieħed jistaqsi: l-aġent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont taċ-*

*ċirkostanzi kollha, raġġonevolment jevita' dak il-perikolu jew dik il-minaċċja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-aġent seta', billi jagħmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew oħra, jew anki billi sempliċiment ma jiċċaqlaqx, faċilment jevita l-periklu jew minaċċja li kien qed jara fil-konfront tiegħu, allura jekk ma jagħmilx hekk jiġi nieqes l-element tal-inevitabbilta' tal-periklu jew minaċċja.* ***Jekk pero mill-banda l-oħra tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-aġent ma kellu jagħmel xejn minn dan, jew, anzi, kellu jibqa' għaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaċċja, allura b'daqshekk ma jiġix nieqes l-element ta' l-inevitabilita'.***

*Illi huwa mportanti li, sabiex jiġi determinat jekk din id-difiża tissusistix minn min irid jiġġudika dwar il-fatti, irid jiġi applikat it-test soġġettiv."* [emfasi ta' din il-Qorti]

Il-Qorti hija sodisfatta wkoll illi l-aggressjoni kienet **inevitabbli** tant illi mix-xhieda jirriżulta illi fil-waqt li qala' d-daqqa ta' ponn li kkaġunatlu l-ferita f'għajnu, Joey Camilleri kien qed jaġixxi vjolentement fil-konfront tal-imputata billi kien qed jiġbidha minn xagħarha b'tant saħħa li huwa stess ammetta li għafas iżżejjed. L-imputata nnifisha xehdet li Joey Camilleri spiċċa qalagħlha ħafna xagħar u li hija kienet qed tweġġa' ħafna dak il-ħin. Dan ifisser ukoll illi l-perikolu ravviżat mill-imputata dak il-ħin meta rrejaġixxiet għal din l-aggressjoni inġusta, kien wieħed **gravi.**

Fil-kwadru tal-fatti tal-kaz in dizamina, huwa effettivament ippruvat illi l-imputata aġixxiet biex tilqa' għal din l-aggressjoni inġusta manifestata mill-parti leza fil-konfront tagħha - aggressjoni li ma jirriżultax li kienet hi li ppreċipitatha. Il-Qorti tqis bħala ġustifikata l-ġudizzju tal-imputata meta, waqt li kienet maqbuda minn xagħarha u kienet qed tweġġa', dehrilha li ma kellha l-ebda triq ohra ħlief li tilqa' għal din l-aggressjoni billi tagħti lill-aggressur tagħha bil-ponn biex tipprova tinqala' mill-qabda tiegħu għaliex hekk kien meħtieġ għall-protezzjoni tal-inkolumita` tagħha nnifisha. L-imputata mhux biss setgħet raġjonevolment tistenna li l-parti leża kien sejjer iweġġagħha bl-aggressjoni li kien qed jimmanifesta iżda kienet qiegħda

effettivament tweġġa’ dak il-ħin: dan ma jistax ħlief ifisser illi l-perikolu rinfaċċjat mill-imputata kien ukoll assolut, attwali u istantanju u fuq kollox, inevitabbli u kienet altru minn ġustifikata taġixxi kif effettivament agixxiet sabiex il-parti leża ma jkomplix bl-aggressjoni tiegħu. Il-Qorti żgur ma tistenniex li f’dawn iċ-ċirkostanzi l-imputata kellha tkompli ssofri l-aggressjoni inġusta tal-parti leża billi tibqa’ taqla’ u tweġġa’ u ma tagħmel xejn biex tiddefendi lilha nnifisha. Wara kollox hu ppruvat li fit-taqtigħa li kellha mal-parti leża, hija sofriet feriti fosthom qasma f’xofftha.

Ikkunsidrat;

In konklużjoni, jeħtieġ li jigi kkunsidrat ukoll ir-rekwiżit tal-proporzjonalita` li jesiġi ċerta proporzjoni bejn il-gravita` tal-offiża u r-reazzjoni tal-imputat. Effettivament, sabiex l-imputat ikun jista’ jiġi ġustifikat għal kollox fid-difiża leġittima, huwa ritenut illi huwa m'għandux jaddotta metodi li huma in eċċess jew sproporzjonati għall-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu.

Fil-kaz in dizamina, il-Qorti hija sodisfatta illi r-rejazzjoni tal-imputata għall-aggressjoni tal-parti leża ma kienetx sproporzjonata għaliex filwaqt li huwa ppruvat li l-parti leża ħebb għall-imputata u beda jiġbdilha xagħarha bis-saħħa u hi rrejaġixxiet billi tatu daqqa ta’ ponn, ix-xhieda kollha okulari – fosthom il-parti leża nnifsu u l-imputata - xehdu kif l-istess Joey Camilleri huwa ta’ statura kbira u b’saħħtu. Joey Camilleri nnifsu, b’referenza għall-imputata, xehed hekk: “*jien għandi persuna u hi mhux persuna bħali*”.

Ikkunsidrat dan kollu, il-Qorti sejra tilqa’ d-difiża invokata mill-imputata, għaliex ġie ppruvat sodisfaċjentement illi hija aġixxiet għall-bżonn attwali tad-difiża leġittima tagħha stess u jinsabu sodisfatti l-estremi ta’ din id-difiża. Konsegwentement, ma hemmx reat u l-imputata ma tistax tinstab ħatja tar-reat addebitat lilha fl-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi fit-tieni imputazzjoni l-imputata qed tiġi mixlija bir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, cioe` li kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku fil-5 ta' Diċembru 2020 għall-ħabta tal-20:45h.

Hawnhekk id-difiża eċċepit il-preskrizzjoni tal-azzjoni u għandha raġun: l-inċident li fih l-imputata hi mixlija li kisret il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku seħħ fil-5 ta' Diċembru 2020. Għalkemm ma jirriżultax meta l-imputat ġiet notifikata biċ-Ċitazzjoni jew b'xi att tal-proċediment, skont it-timbru tal-preżentata iċ-Ċitazzjoni jidher li din ġiet ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti fis-6 ta' April 2021 – iktar minn tliet xhur wara li allegatament ġie kommess ir-reat kontravvenzjonali in diżamina meta allura l-azzjoni diġa' kienet waqgħet bil-preskrizzjoni.

Għaldaqstant hu ovvju li l-azzjoni fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni waqgħet bi preskrizzjoni taħt l-Artiklu 688(f) tal-Kap. 9.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li ma ssibx lil NAGIA SEYCHELL ħatja tat-tieni imputazzjoni għaliex din waqgħet bil-preskrizzjoni, tilqa' l-eċċezzjoni tal-leġittima difiża fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u tillibera lill-istess NAGIA SEYCHELL minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**